

IL-BULLETTIN

Minn BELC għall-Kunsilliera Lokali tal-UE: **Nidħlu f'era ġdida**

1. Is-suċċess tan-network fil-promozzjoni tal-valuri tal-UE

Merħba għall-aħħar bullettin taħt l-inizjattiva BELC! Il-Kummissjoni Ewropea qed tagħti spinta lill-alleanza mal-livell lokali permezz tal-istabbiliment ta' network uniku tal-Kunsilliera Lokali tal-UE, flimkien mal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni u wara s-suċċess tal-inizjattiva BELC. BELC, li tnediet f'Ġunju 2022, laqqgħet flimkien aktar minn 1,100 politiku elett lokalment mill-UE kollha, filwaqt li rawmet kollaborazzjoni u impenn kondiviż għall-proġett Ewropew.

Permezz ta' firxa ta' sessjonijiet ta' taħriġ, workshops, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u avvenimenti ta' networking, il-mexxejja lokali kisbu riżorsi essenzjali relatati mal-UE, li ppermettewhom jiskambjaw ideat, jadottaw l-aħjar prattiki u jiżviluppaw soluzzjonijiet rivoluzzjonarji. Fid-diskors tat-tieni mandat tagħha, il-President tal-KE Ursula von der Leyen enfasizzat l-importanza li jissaħħaħ l-involvement lokali, filwaqt li appellat għal aktar espansjoni ta' dan in-network ta' Kunsilliera. Fl-ittri ta' missjoni tagħha lill-Kummissarji Ewropej, il-President ħeġġithom jiddependu **"fuq in-network tagħna ta' Kunsilliera Lokali tal-UE, u jagħtu aktar viżibbiltà lill-proġetti tal-UE [...] fil-prattika"**.

Mill-2025, in-network **konġunt il-ġdid tal-Kunsilliera Lokali tal-UE** se jkun operazzjonali għalkollox. Il-membri se jirċievu sensiela ta' prodotti aġġornati li jkollhom identità viżiva ġdida, inkluż bullettin ġdid, filwaqt li jżommu l-aċċess privileġġat tagħhom għal prodotti u servizzi ewlenin tal-UE, website, eċċ.

2. Tħabbira fil-Ġimgħa tal-UE tar-Regġuni u l-Bliet

F'Ottubru ta' din is-sena, il-**Ġimgħa Ewropea tar-Regġuni u l-Bliet** kienet l-okkażjoni għall-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Regġuni tal-UE biex iħabbu l-fużjoni li jmiss tan-networks paralleli tagħhom f'waħda unika li se toffri lill-Kunsilliera Lokali tal-UE opportunitajiet estiżi għall-kollaborazzjoni, it-tagħlim u l-involvement dirett mal-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li tappoġġahom fil-komunikazzjoni tal-UE fil-livell lokali.

Dan l-avveniment, li għalih attendew il-membri ta' BELC wiċċ imb wiċċ kif ukoll online, kien ukoll l-okkażjoni għal xi wħud minnhom biex jaqsmu l-esperjenza u l-aħjar prattiki tagħhom matul il-**workshop "Empowering Communities. Communicating Europe: a promising alliance between the EU and the local level"** (Nagħtu s-setgħa lill-Komunitajiet. Ninfurmaw dwar l-Ewropa: alleanza promettenti bejn l-UE u l-livell lokali). Grazzi lil dawk kollha li tkellmu, għall-entużjażmu li wrew u għall-ideat sinifikattivi li qasmu magħna!

Networking waqt waqfa għall-kafè fl-avveniment annwali tal-Ġimgħa Ewropea tar-Regġuni u l-Bliet



Ursula von der Leyen
il-President tal-Kummissjoni Ewropea



3. Punti ewlenin tal-attività tal-membri ta' BELC

Aktar minn 1,200 attività ta' komunikazzjoni mmexxija minn aktar minn 500 membru ta' BELC. Hawn taħt tista' tara selezzjoni żgħira ta' stejjer. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-website [tal-Aħjar Prattiki](#).



Dimitrios Koukouvinos
il-Muniċipalità ta' Ilion

Il-politiki tal-UE fil-prattika

Il-muniċipalità ta' Ilion tospita avveniment ta' tħawwil għall-konservazzjoni tan-naħal

Fil-31 ta' Mejju, [il-muniċipalità ta' Ilion fil-Greċja](#) ċelebrat is-7 Jum Internazzjonali għall-Faxxinu tal-Pjanti b'avveniment ta' tħawwil għall-konservazzjoni tan-naħal f'kollaborazzjoni mal-Università ta' Peloponnese. Attendew aktar minn 70 **student tal-iskola primarja** "Ewropa aktar ekoloġika u aktar sostenibbli hija essenzjali għall-ġenerazzjonijiet futuri. Permezz tal-parteċipazzjoni tagħna fil-Missjoni tal-UE "Adattament għat-Tibdil fil-Klima" u fin-network BELC, għandna l-għan li nżidu s-sensibilizzazzjoni pubblika u l-kuxjenza ambjentali," qal Dimitrios Koukouvinos, president tal-kunsill muniċipali ta' Ilion u membru ta' BELC.

Inwieġbu għas-sejħiet tal-UE biex tittieħed azzjoni

Dubrovnik kienet involuta fit-tindif ta' taħt l-ilma b'suċċess

Fil-21 ta' Settembru, bħala parti mill-inizjattiva [EU Beach Cleanup](#), is-Sindku Mato Franković iċċelebra l-Jum Dinji għat-Tindif tal-Bajjiet permezz ta' avveniment għat-tindif ta' taħt l-ilma f'Zaton. Tneħħiet aktar minn nofs tunnellata skart minn qiegħ il-baħar. L-avveniment li kien appoġġat minn ittra ta' intenzjoni ffirmata minnu, enfasisza l-isforzi ta' Dubrovnik biex iżżomm ambjent tal-baħar aktar nadif u wera l-involvement effettiv tal-komunità fil-ħarsien tal-ambjent.



Tindif ta' taħt l-ilma f'Dubrovnik
organizzat mill-muniċipalità bħala parti
mill-EU Beach Cleanup

Noħolqu sinerġiji għal futur komuni



(mix-xellug għal-lemin) Christian Gsodam, Servizz tal-UE għall-Azzjoni Esterna; Alexandre Mazin, membru Franċiż ta' BELC minn Saint-Léonard de Noblat u Giustina Mattera, membru Taljana ta' BELC minn Ischia

Forio tospita l-iskambju tal-kunsilliera lokali Ewropej

Fil-bidu ta' Lulju, il-[muniċipalità ta' Forio](#) fuq il-gżira Taljana ta' Ischia ospitat laqgħa Ewropea għall-**membri Taljani u Franċiżi ta' BELC**, fosthom Alexandre Mazin minn Saint-Léonard-de-Noblat u Giustina Mattera li ospitat il-laqgħa. Huma ppreżentaw in-network BELC b'diversi lingwi, flimkien ma' Christian Gsodam, konsulent prinċipali fid-direttorat għall-Komunikazzjoni Strateġika u l-Prospettiva fis-Servizz tal-UE għall-Azzjoni Esterna. Aktar minn 250 parteċipant, fosthom kunsilliera lokali, isqfijiet u assoċjazzjonijiet kulturali, attendew il-laqgħa biex irawmu l-kollaborazzjoni u l-iskambju kulturali. Tqassmu kopji tal-aħħar bullettin ta' BELC bil-lingwa ta' kull delegazzjoni.

Nixħtu dawl fuq I-UE

Ninvolv u liż-żgħażaġh fid-djalogu politiku

Fl-4 ta' Ġunju, eżatt qabel l-elezzjonijiet Ewropej, sar panel ta' diskussjoni mar-rappreżentanti tal-partiti fil-**Werner-von-Siemens-Gymnasium fi Gronau**, il-Ġermanja, li kien immoderat mill-kunsillier lokali u l-membri ta' BELC Susanne Reinthoffer. Attendew aktar minn **450 student** minn erba' skejjet sekondarji, li ddiskutew suġġetti bħall-Patt Ekoloġiku tal-UE, is-sostenibbiltà, in-newtralità klimatika u l-gwerra tal-Ukrajna. L-istudenti u r-rappreżentanti tal-partiti deheru entużjasti għall-fatt li ngħata d-dritt tal-vot lil dawk ta' 16-il sena. L-avveniment deher fil-gazzetti lokali u fin-network televiżiv Ġermaniż li jxandar bla ħlas.



Susanne Reinthoffer
il-Muniċipalità ta' Gronau

Niċċelebraw l-Ewropa

Castelldefels tinxtegħel blu għal Jum l-Ewropa

Fid-9 ta' Mejju, Castelldefels, fi Spanja, iċċelebrat Jum l-Ewropa billi żejnet il-kastell tal-belt u l-ittri tal-isem Castelldefels fi Plaza de las Palmeras bil-bandiera Ewropea, u ngħaqdet ma' aktar minn 60 belt madwar l-Ewropa. Iċ-ċelebrazzjoni tat ukoll il-

bidu lill-Ġimgħa taċ-Ċittadini Anzjani bil-5 edizzjoni ta' Castelldefels City Nordic Walking March, li għaliha attendew mijiet ta' anzjani. L-avvenimenti kienu jinkludu spettakli mużikali, qari u l-innu Ewropew, filwaqt li wieħed mill-bankijiet ġewwa Plaça Catalunya nżebagħ bil-kuluri tal-bandiera Ewropea mill-assoċjazzjoni taż-żgħażaġh AVIVA.


4. Aċċess privileġġat għas-servizzi u l-prodotti tal-UE

Matul l-aħħar sentejn u 5 xhur, il-membri ta' BELC kellhom aċċess privileġġat għal rikkezza ta' prodotti u servizzi tal-UE, li naturalment issa se jibqgħu disponibbli iżda taħt il-kompetenza tan-network konġunt il-ġdid tal-Kunsilliera Lokali tal-UE:



24 żjara ta' studju fi Brussell

Li jinvolvu kważi 500 Kunsillier li ġejjin minn 18-il Stat Membru



pjattaforma online multilingwi

Futurium, fejn il-membri ta' BELC jistgħu jsibu l-informazzjoni dwar il-prodotti u s-servizzi kollha msemmija hawn fuq, kif ukoll ikollhom il-possibbiltà li jippreżentaw ruħhom, jaqsmu l-aħjar Prattiki tagħhom stess, jinvolvu ruħhom ma' oħrajn bħallhom, eċċ



42 webinar

f'diversi lingwi li jkopru diversi suġġetti tal-UE ta' interess għall-membri, bħad-demokrazija u l-parteċipazzjoni pubblika, l-impjigi u l-affarijiet soċjali, l-enerġija, l-ambjent u l-klima



115 riżorsa online

dwar suġġetti tal-UE, policies u programmi

It-tim ta' BELC tal-Kummissjoni Ewropea jixtieq jirringrazzja lill-membri kollha ta' BELC għall-kontribut prezzjuż tagħhom biex l-UE tkun eqreb taċ-ċittadini! Ejjew insaħħu din l-alleanza bejn l-UE u l-livell lokali u nikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar x'inhi u x'tagħmel l-UE għall-ħajja tagħhom ta' kuljum.